MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 261/2012

**A B f'isimha proprio u f'isem binha**
**l-minuri C D E B**
**vs**
**G F E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici proprio et nomine tas-7 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-23 ta' Jannar tas-sena 2012, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' C D u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 520/2012.

2. Illi l-minuri C D gie registrat bhala l-wild naturali tal-konvenut G F E, li dak iz-zmien kellu relazzjoni ma' l-attrici A B.

3. Illi kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza specjalment minn testijiet xjentifici l-minuri C D mhuwiex l-iben naturali tal-konvenut G F E.

Ghaldaqstant, l-attrici talbet lill-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-minuri C D li twieled fit-23 ta' Jannar tas-sena 2012 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut G F E.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat- Twelid tal-minuri fis-sens illi jnehhi kull konnotazzjoni tal-konvenut G F E u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf'.

3. Tordna illi l-kunjom tal-minuri C D E B jigi sostitwit bil-kunjom 'B'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u n-nota ta' dokumenti tal-attrici.

Rat li l-konvenut ghalkemm gie notifikat ma pprezentax risposta guramentata, ghalkemm aktar tard xehed f'dawn il-proceduri.

Rat id-DNA Paternity Test Report rilaxxjat minn Dr Marisa Cassar fid-9 ta' Novembru 2012 u mahluf fit-2 ta' April 2013.

Ikkonsidrat;

Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob li isem il-konvenut indikat bhala l-missier fuq ic-certifikat tal-minuri C D jigi kancellat in kwantu ma hux il-missier naturali tal-minuri u minflok jitnizzel missier mhux maghruf.

Sew l-attrici kif ukoll il-konvenut xehdu li l-minuri mhuwiex iben il-konvenut liema xhieda hija korroborata mix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA fuq

il-minuri u fuq il-partijiet. Dr Cassar ticcertifika li skont dawn it-testijiet xjentifici il-konvenut G F E mhuwiex missier il-minuri C D.

Ikkonsidrat;

L-artikoli tal-ligi rilevanti ghall-kawza odjerna huma l-artikoli 99 u 110A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu illi:

**Artikolu 99. L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.**

**Artikolu 100A. F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.**

Il-kawza giet istitwita mill-omm f'isimha proprju u f'isem it-tifel. Il-prova xjentifika tat-testijiet tad-DNA ma thalli l-ebda dubju illi l-konvenut effettivament mhuwiex missier il-minuri.

Jirrizulta ghalhekk illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C D li twieled fit-23 ta' Jannar 2012 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut G F E.

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri imsemmi u cioe' jigu kancellati l-konnotazzjonijiet tal-konvenut E u minflokk jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf" u kunjom il-minuri jigi indikat bhala "B".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------